



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 11 ta' Ottubru 2022
(OR. en)

13169/22

LIMITE

CORLX 885
CFSP/PESC 1281
RELEX 1287
COAFR 251
COARM 191
FIN 1038

ATTI LEĠISLATIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: REGOLAMENT TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (UE) Nru
1284/2009 li jimponi ċerti miżuri restrittivi speċifiċi fir-rigward tar-
Repubblika tal-Guinea

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) 2022/...

ta' ...

**li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1284/2009 li jimponi
ċerti miżuri restrittivi speċifiċi fir-rigward tar-Repubblika tal-Guinea**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 215 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/... ta' ... 2022¹⁺ li temenda d-Deċiżjoni 2010/638/PESK dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika tal-Guinea,

Wara li kkunsidra l-proposta konġunta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u l-Kummissjoni Ewropea,

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/... ta' ... li temenda d-Deċiżjoni 2010/638/PESK dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika tal-Guinea (ĠU L ...).

⁺ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal in-numru tar-referenza u d-data tad-Deċiżjoni li tinsab fi ST13167/22 u kkompleta n-nota korrispondenti ta' qiegħ il-paġna.

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1284/2009¹ jagħti effett lill-miżuri previsti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/638/PESK dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika tal-Guinea.
- (2) Id-Deċiżjoni (PESK) 2022/...⁺ tintroduċi modifika fit-titolu tad-Deċiżjoni 2010/638/PESK.
- (3) Għalhekk hija neċessarja azzjoni regolatorja fil-livell tal-Unjoni biex id-Deċiżjoni (PESK) 2022/...⁺ tingħata effett, b'mod partikolari bil-ħsieb li tkun aċċertata l-applikazzjoni uniformi tagħha mill-operaturi ekonomiċi fl-Istati Membri kollha.
- (4) Għalhekk, ir-Regolament (UE) Nru 1284/2009 jenħtieġ li jiġi emendat skont dan.

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

¹ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1284/2009 tat-22 ta' Diċembru 2009 li jimponi ċerti miżuri restrittivi speċifiċi fir-rigward tar-Repubblika ta' Guinea (ĠU L 346, 23.12.2009, p. 26).

⁺ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal in-numru tar-referenza tad-deċiżjoni li tinsab fi ST13167/22.

Artikolu 1

It-titolu tar-Regolament (UE) Nru 1284/2009 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1284/2009 tat-22 ta' Diċembru 2009 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Guinea”.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi...,

Għall-Kunsill

Il-President